# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Frar, 2016

**Talba Nru: 539/2015 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Falsig Jacob**
**(ID 75257A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Lulju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jghati lis-Socjeta' Attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin Ewro u zewg centezmi (€355.02) in konnessjoni ma Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40233488).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 886/14, u bl-imghaxijiet legali sa mill-14 ta' Mejju, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Charmaine Wiffen ghas-socjeta' attrici li fit-23 ta' Frar, 2016 ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta' ta' tlett mija u hamsa u hamsin Ewro u zewg centezmi (€355.02) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' tlett mija u hamsa u hamsin Ewro u zewg centezmi (€355.02) bl-imghax legali sa mill-14 ta' Mejju, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 886/14, u d-drittijiet ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**